A.L. 377 ta' l-2007

ORDINANZA DWAR ID-DFIN
(KAP. 17)

Ordni ta' l-2007 għall-Prezzijiet Pagabbli għall-Akkwist ta' Oqbra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 3 ta' l-Ordinanza dwar id-Dfin, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, bi ftehim mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u l-Ministru għal Għawdex għamel dan l-ordni li ġej:

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu ordni ta' l-2007 għall-Prezzijiet Pagabbli għall-Akkwist ta' Oqbra.

Prezz għall-qabar fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija, Xewkija, Għawdex.

2. Il-prezz li għandu jitħallas għall-akkwist ta' qabar, inkluż is-sit, fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija, Xewkija, Għawdex, għandu jkun ta' Lm1000 (€2329.37).